**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 20 ta' Gunju 2024**

**Kawża Numru: 12**

**Rikors Guramentat Numru: 1050/2021JVC**

**Paola sive Paulette Falzon (192858M)**

**vs**

**Clint La Rosa (538587M) u Welcome Auto Dealer Limited (C-70502)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat illi permezz tieghu r-rikorrenti Paula sive Paulette Falzon premettiet u talbet kif isegwi:

'Illi l-attrici hija unika proprjetarja tax-*showroom* illum maghrufa bl-isem 'Welcome Auto Dealer', gja bl-isem 'Mario', minghajr numru ufficjali, fi Triq Mimosa, Gwardamangia;

Illi l-attrici u zewgha Francis Falzon kienu originarjament akkwistaw il-proprjeta' in kwistjoni b'kuntratt tat-12 ta' Novembru 1990 fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone;

Illi sussegwentement, l-attrici u zewgha kienu bieghu din il-proprjeta' lil Alfred u martu Hilda Azzopardi b'kuntratt tat-30 ta' Mejju 2001 fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo;

Illi dan il-kuntratt gie rexiss, b'kuntratt iehor tat-18 ta' April 2013 fl-atti tan-Nutar Ann Marie Tonna u stante li l-imsemmi Francis Falzon kien lehaq miet u l-attrici kienet l-unika eredi tieghu, dehret hi wahedha fuq l-att ta' rexissjoni relattiv u l-proprjeta' illum irrevertiet lura ghandha fis-shih;

Illi l-intimati qed jippretendu li jkomplu jokkupaw il-fond in kwistjoni minghajr ebda titolu u minghajr ebda jedd;

Illi l-intimati gja' gew interpellati verbalment sabiex jirrilaxxjaw il-fond battal favur l-esponenti;

Illi ghalhekk jirrikorru l-elementi preskritti mill-artikolu 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din il-kawza tigi deciza bis-dispensa tas-smiegh taghha billi safejn taf l-esponenti, l-intimati m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu kontra t-talbiet taghha.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni li din il-Qorti jidhrilha xierqa, l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddeciedi skont it-talbiet bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal-artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Konsegwentement, tordna lill-intimati sabiex jizgombraw u jirrilaxxaw battal favur l-esponenti x-*showroom* illum maghrufa bl-isem 'Welcome Auto Dealer', gja' bl-isem 'Mario', minghajr numru ufficjali, fi Triq Mimosa, Gwardamangia;

Bl-ispejjez kontra l-intimati, ingunti minn issa ghas-subizzjoni u b'riserva ta' kull azzjoni ohra spettanti lill-esponenti skont il-ligi, inkluz dik ghad-danni u ghall-hlas tas-servizzi tad-dawl u tal-ilma.

Rat illi ghalkemm din il-kawza bdiet bil-procedura sommarja tal-giljottina, din il-Qorti fil-verbal tal-14 ta' Dicembru, 2021 (fol. 18) wara li semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar l-ewwel talba qieset li l-intimati ghandhom *prima facie* eccezzjonijiet xi jressqu, cahdet l-ewwel talba u awtorizzat lill-intimati sabiex jipprezentaw r-risposta taghhom f'terminu mpost fuqu.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimati a fol 19 et seq tal-process li taqra kif isegwi:

1. 'Illi t-talba tar-rikorrenti hija nfondata kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt;

2. Illi l-esponenti ghandhom titolu validu sabiex jokkupaw il-fond mertu tal-kawza;

3. Illi d-drittijiet taghhom jemanu mir-relazzjoni bejn ir-rikorrenti u l-intimata Welcome Auto Dealer, kif ukoll u mhux biss mir-relazzjoni kontrattwali ezistenti bejn l-intimat Clint La Rosa u iben ir-rikorrenti Fayton Falzon u dan kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza;

4. Illi ghalhekk jehtieg li jigi kkjamat in kawza Fayton Falzon billi jrid iwiegeb ghat-titolu li kkrea favur l-intimati u kontestwalment qed jigi pprezentat rikors ghal kjamat in kawza tieghu;

5. Illi l-esponent diga sofra att spoljattiv minn Fayton Falzon trattat fil-kawza (Rikors Nru. 373/21JVC) billi r-rikorrenti u l-istess Fayton Falzon qed jippregudikaw id-drittijiet tal-intimati.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dokumentazzjoni annessa fl-atti.

Rat li fil-verbal tal-lum il-partijiet talbu li l-Qorti tghaddi ghad-decizjoni.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-mertu l-Qorti rat li illum stess giet prezentata nota kongunta tal-partijiet illi taqra kif isegwi:

'i. Il-konvenuti Clint La Rosa (538587M) u Welcome Auto Dealer Limited (C-70502) **qeghdin jammettu t-talbiet tal-attrici** fis-sens li qeghdin jaqblu li m'ghandhom ebda titolu validu fil-ligi sabiex

jokkupaw il-fond 'Welcome Auto Dealer', gja' bl-isem 'Mario', minghajr numru ufficjali, fi Triq Mimosa, Gwardamangia u konsegwentement ghandhom jizgombraw minnu u jirrilaxxjawh favur is-sid Paola sive Paulette Falzon (192858M).

ii. Il-kontendenti qeghdin jaqblu li l-attrici mhijiex sejra titlob ebda flejjes lill-konvenuti, la f'termini ta' okkupazzjoni illegali, la danni, u lanqas ghall-kontijiet tad-dawl u tal-ilma u li konsegwentement din in-nota qed issir ghas-saldu tal-pretensjonijiet reciproci tal-partijiet fir-rigward tal-imsemmi fond.

iii. Il-konvenuti jaqblu u jirrikonoxxu li s-sid tal-imsemmi fond hija l-attrici Paola sive Paulette Falzon (192858M).

iv. Fid-dawl ta' dan il-ftehim, il-kontendenti qeghdin jaqblu li l-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

v. Il-kontendenti qeghdin jaqblu li din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza a bazi ta' dan il-kuntratt gudizzjarju.'

Il-Qorti ghalhekk tinnota illi fil-punt numru wiehed (1) tal-istess nota l-intimati ammettew it-talbiet fil-konfront taghhom.

In vista tan-nota ta' ammissjoni kif prezentata llum il-Qorti u l-provi li lahqu ngabru fl-atti, l-Qorti tqis li t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, l-Qorti tghaddi sabiex taqta u tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

In vista tan-nota kif prezentata llum il-Qorti tghaddi sabiex tiddeciedi il-kawza odjerna kif isegwi:

1. Tiddikjara l-ewwel talba sorvolata;

2. Tilqa' it-tieni talba tar-rikorrenti u tordna lill-intimati sabiex jizgombraw u jirrilaxxaw battal favur ir-rikorrenti x-*showroom* illum maghrufa bl-isem 'Welcome Auto Dealer', gja' bl-isem 'Mario', minghajr numru ufficjali, fi Triq Mimosa, Gwardamangia fi zmien massimu ta' xahar millum;

Bl-ispejjez kif mifthiem fin-nota kongunta prezentata llum stess u cioe' bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**20 ta' Gunju 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**20 Gunju 2024**